# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

## IMHALLEF

## ONOR. *JOSEPH R. MICALLEF* LL.D.

Illum, it-Tnejn 7 ta' Mejju, 2001.

Kawza Nru. 55.
Citazz. Nru. 1515//00 JRM

**S. MIFSUD and SONS LIMITED**

**vs**

**COMPUTER and INFORMATION TECHNOLOGY LIMITED**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-Citazzjoni li bih is-socjeta' attrici wara li ppremettiet:

Illi s-socjeta' konvenuta hija debitrici tas-socjeta' attrici fl-ammont ta' tmint elef, mija u tnejn u tletin liri maltin u disghin centezmu (Lm8132.90) fi hlas dovut ghal nol cioe' "freight services charges", "handling fees" u spejjez accessorji u ancillari, liema servizzi gew rezi lis-socjeta' konvenuta mis-socjeta' attrici fuq ordni u inkarigu specifiku ta' l-istess socjeta' konvenuta;

Illi ghalkemm mitluba diversi drabi sabiex thallas, is-socjeta' konvenuta baqghet inadempjenti;

Illi l-kreditu tas-socjeta' attrici fis-somma ta' tmint elef, mija u tnejn u tletin liri maltin u disghin centezmu (Lm8132.90) huwa cert, likwidu u esigibbili, u sa fejn taf is-socjeta' attrici, is-socjeta' konvenuta ma ghandha ebda difiza valida opponibbili f'din il-kawza kontra t-talba taghha ghall-hlas ta' dik is-somma, u dan kif jidher mill-affidavit ta' Bernard Muscat, rapprezentant tas-socjeta' attrici, hawn anness dokument ittra "A";

Ghalhekk is-socjeta' attrici talbet lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m'ghandhiex ghar-ragunijiet premessi:

1. Tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici bla ma tghaddi ghas-smiegh tal-kawza kif provdut fl-artikoli 167-170 tal-Kodici ta' l-Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta) u

2. Tikkundanna minnufih lis-socjeta' konvenuta thallas lill-istesss socjeta' attrici tmint elef, mija u tnejn u tletin liri maltin u disghin centezmu (Lm8132.90) hawn fuq imsemmija u dovuta kif intqal aktar 'il fuq;

Bl-imghax legali mid-data ta' kull invoice sal-gurnata tal-pagament effettiv u bl-ispejjez kollha, inkluz dawk tal-mandat ta' sekwestru mahrug nhar il-25 ta' Frar 2000, u dak prezentat kontestwalment ma' dan l-att ta' citazzjoni, kollox kontra s-socjeta' konvenuta li r-rapprezentanti taghha huma minn issa ngunti ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni u n-nota tax-xhieda tas-socjeta' attrici;

Rat illi c-citazzjoni giet debitament notifikata lis-socjeta' konvenuta li naqset li tipprezenta nota ta' eccezzjonijiet u hekk baqghet kontumaci;

Semghet ix-xhieda tas-socjeta' attrici;

Semghet l-Avukat tas-socjeta' attrici;

Ezaminat l-atti tal-kawza;

Billi mill-provi mhux kontradetti, t-talba dedotta fic-citazzjoni tirrizulta pruvata;

Fil-kontumacja tas-socjeta' konvenuta tiddeciedi billi **tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici** kif dedotta fic-citazzjoni b'dan illi tikkundnna lis-socjeta' konvenuta thallas lill-istess socjeta' attrici tmint elef, mija u tnejn u tletin liri maltin u disghin centezmu (Lm8132.90) hawn fuq imsemmija u dovuta kif intqal aktar' il fuq, bl-imghax legali mid-data ta' kull invoice sal-gurnata tal-pagament effettiv u bl-ispejjez kollha inkluz dawk tal-mandat ta' sekwestru mahrug nhar il-25 ta' Frar 2000, u dak prezentat ma' l-att tac-citazzjoni, kollox kontra s-socjeta' konvenuta.

**Moqrija.**

**ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.**
**7 ta' Mejju, 2001.**

**Charles Falzon**
**Deputat Registratur**
**7 ta' Mejju, 2001.**